



Il-Kummissjoni
Ewropea

KIF L-UE TGĦIN FIL-ĠLIEDA KONTRA D-DISKRIMINAZZJONI

FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL



**GĦANDEK
DRITTIJET**

#EUvsDiscrimination

KIF L-UE TGĦIN FIL-ĠLIEDA KONTRA D-DISKRIMINAZZJONI

FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

IL-ĠLIEDA KONTRA D-DISKRIMINAZZJONI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

Fl-UE, id-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol fuq il-bażi tal-età, is-sess, id-diżabbiltà, l-orìġini etnika jew razzjali, ir-reliġjon jew it-twemmin, jew l-orjentazzjoni sesswalihija pprojbita.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE tistabbilixxi livelli minimi ta' protezzjoni għal kull min jaħdem fl-UE. Int intitolat għal trattament ugwali fir-reklutaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-promozzjoni, il-paga, l-aċċess għal taħriġ vokazzjonali, il-pensjonijiet tax-xogħol u t-tkeċċija.

HEMM #AFNA TIPI TA' DISKRIMINAZZJONI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

Din tinkludi meta l-impjegatur jittratta xi nies aġġar minn oħrajn f'sitwazzjoni komparabbli abbażi tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, u forom ta' fastidju li jistgħu jintimidaw jew jiddegradaw in-nies.

Għal aktar informazzjoni dwar x'jikkostitwixxi diskriminazzjoni, żur ec.europa.eu/social/euvsdiscrimination

WIEĦED MINN KULL TMEN ċittadini tal-UE jqisu li huma parti minn grupp f'riskju ta' diskriminazzjoni

Ewrobarometru Speċjali 437

X'QIEGĦDA TAGĦMEL L-UE?

ATTENZJONI PARTIKOLARI FUQ ARRANĠAMENTI RAĠONEVOLI GĦAL PERSUNI B'DIŻABBILTÀ

Akkomodazzjoni raġonevoli hija bidla fl-ambjent tax-xogħol li hija meħtieġa biex tingħata għajnuma lil persuna b'diżabbiltà li tagħmel jew li tavvanza fl-impjieg tagħha u/jew li tgħaddi minn taħriġ.

Tista' titlob akkomodazzjoni raġonevoli jekk għandek diżabbiltà u temmen li għandek bżonn xi aġġustamenti fuq il-post tax-xogħol tiegħek.

Akkomodazzjoni raġonevoli tista' tinkludi:

- ▶ l-installazzjoni ta' liftijiet jew rampi;
- ▶ it-tqegħid ta' għamara tal-uffiċċju f'għoli xieraq;
- ▶ l-installazzjoni ta' lentijiet li jkabbbru l-iskrin tal-kompjuter;
- ▶ il-provvista ta' sigħat tax-xogħol flessibbli jew telexogħol;
- ▶ it-teħid ta' miżuri ta' sensibilizzazzjoni għall-istaff.

L-UE għandha wħud mill-aktar liġijiet estensivi kontra d-diskriminazzjoni fid-dinja.

Il-prinċipju ta' ugwaljanza ilu jeżisti mit-Trattat ta' Ruma tal-1957, it-trattat fundatur tal-UE, bil-għan li jiżgura li jkun hemm paga ugwali għal xogħol ugwali bejn l-irġiel u n-nisa.

Matul is-snin, l-UE adottat diversi liġijiet kontra d-diskriminazzjoni u l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja qatgħet għadd ta' sentenzi. Dawn il-liġijiet tal-UE japplikaw għar-relazzjonijiet kollha bejn min iħaddem u l-ħaddiema, inklużi dawk li jinvolvu negozji, assoċjazzjonijiet, kif ukoll awtoritajiet pubbliċi.

#EUvsDiscrimination

► KIF TISTA' SSAĦĦAĦ ID-DRITTIJET TIEGĦEK

Jekk temmen li ġejt diskriminat, tista' tressaq il-każ tiegħek lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-qrati nazzjonali.

Tista' wkoll tfitteż għajnuna u pariri dwar kif tinforza l-liġi minn korpi nazzjonali ta' ugwalthanza, meħtieġa fl-Istati Membri kollha tal-UE biex tipprovdi assistenza indipendenti lill-vittmi ta' diskriminazzjoni.

Jekk trid aktar informazzjoni dwar drittijietek u kif tinforzahom, żur ec.europa.eu/social/euvsdiscrimination

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019

© L-Unjoni Ewropea, 2019

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali. Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Ritratti: ©Shutterstock & ©iStock

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-UE, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet.

